**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa b'Urġenza Numru 08

**11 ta' Marzu 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

**Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE**
**Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**8.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Eugenio Muscat li ma setatx jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 8.2 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2019;

**8.2.1 L-Accountant Pierre Mangion ipprepara l-*Financial Statements* tas-sena 2019. Huwa irrimarka li għal sena oħra, il-Kunsill għamel profitt, din is-sena ta' €13,087. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa jinsab kuntent bil-miljorament li qed jagħmel il-Kunsill fejn jidħlu finanzi. Is-Sindku Max Zammit ippropona l-approvazzjoni tad-dokumenti kif ippreżentat. Il-Kunsiller Louise Cachia Castelletti issekondat. Il-Kunsill qabel unanimament.**

## 8.3 PA02765/16;

**8.3.1 Is-Sindku Max Zammit spjega li s-Sur Michael Svitala applika mal-Planning Authority għal-permess biex jibni torri fi Triq Testaferrata. Is-Sur Michael Stivala gie waqt il-laqgħa fejn spjegalna xogħlijiet ser jsiru u hekk l-Awotrita' tal-Ippjanar jaċċetaw l-applikazzjoni wegħdna li ser jagħmel public toilets ix-xatt ta' Xbiex kif ukoll il-proġett tal-Guardian Angel. Peress li l-Kunsillier Eugenio Muscat ma kienx preżenti għal-laqgħa ikkomunikajna miegħu permezz tal-mobile biex huwa ukoll jkun jista jgħati l-opinjoni tieghu.**

**Wara l-ispjegazzjoni tas-Sur Stivala, il-kunsilliera ddiskutew u għaddew il-kummenti taghhhom.**

**Is-Sindku Max Zammit qal li huwa jaqbel li jinħareġ dan il-permess minħabba li miegħu ġġib ħafna vantaġġi li huma:**

- **Bħalissa hemm ħofra li jinġemma ħafna ilma qiegħed u miegħu iġġib ħafna nemus fis-sajf u nies ġieli jitfgħu l-iskart f'din il-ħofra u għalhekk qed ikun hemm il-ġrieden. Għaldastant din il-ħofra hija Health Hazard.**
- **Se jiżżdied il-parkeġġ għall-pubbliku**
- **Se jkollna open space bi ġnien bis-siġar ġo triq immodernizzata**
- **Il-manutenzzjoni ta' dan il-ġnien se jibqa responssabli tieghu l-iżviluppatur s-Sur Micahael Stivala**
- **Se ndaħħlu fondi oħra biex nkunu nistgħu nagħmlu 2 proġetti.**

**Il-Viċl Sindku Oriana Calleja taqbel ma dan il-proġett imma tixtieq li jsir laqgħa mar-residenti fejn nispjegawlhom x'ser jsir.**

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli jaqbel ukoll mal-proġett minħabba li dan se jgħati valur iktar lil propjeta' tal-madwar.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li għalkemm temmen li huwa eye sore ma ssibx oġġezzjoni għal dan il-permess minħabba li xorta jaf jagħti xejra oħra differenti. Qalet li hemm vantaġġ iehor li se jiżdied il-parkeġġ għal-pubbliku u li l-iżviluppatur qed jgħatina reassurance li dan se jibqa taħt responasabilta' tieghu.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa jaqbel ma dan il-permess għax jemmen li nnaqsu l-prostituzzjoni.**

## 8.4 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ġimgħa 17 ta' April 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum il-Ġimgħa 17 ta' April,2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |